IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.7.2020
COM(2020) 303 final

2020/0138 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2408 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Latvja tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud[1] ("id-Direttiva tal-VAT"), il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru japplika miżuri speċjali għal deroga mid-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva, sabiex jissimplifika l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew sabiex jipprevjeni ċerti forom ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa.

Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fis-17 ta' April 2020, il-Latvja talbet awtorizzazzjoni biex sal-31 ta' Diċembru 2024, tkompli tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva tal-VAT, li tippermetti lil-Latvja teżenta mill-VAT lill-persuni taxxabbli li jkollhom fatturat annwali ta' mhux aktar minn EUR 40 000.

F'konformità mal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT, permezz ta' ittra datata d-19 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra bit-talba tal-Latvja. Permezz ta' ittra datata l-20 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni nnotifikat lil-Latvja li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tikkunsidra t-talba.

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-Kapitolu 1 tat-Titolu XII tad-Direttiva tal-VAT jagħti l-possibbiltà lill-Istati Membri biex japplikaw skemi speċjali għall-impriżi ż-żgħar, inkluża l-possibbiltà li jeżentaw lill-persuni taxxabbli b'inqas minn ċertu fatturat annwali. Din l-eżenzjoni timplika li persuna taxxabbli ma għandhiex għalfejn timponi l-VAT fuq il-provvisti tagħha, u b'konsegwenza ta' dan, ma tistax tnaqqas il-VAT minn fuq l-inputs tagħha.

Skont l-Artikolu 287(10) tad-Direttiva tal-VAT, il-Latvja tista' teżenta mill-VAT lill-persuni taxxabbli li jkollhom fatturat annwali ta' mhux iktar mill-ekwivalenti ta' EUR 17 200 fil-munita nazzjonali bir-rata tal-konverżjoni fil-jum tal-adeżjoni tagħha. Bis-saħħa tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2010/584/UE[2], il-Latvja ġiet awtorizzata li tapplika livell limitu ogħla u għalhekk li teżenta mill-VAT lill-persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma jaqbiżx il-EUR 50 000. Din il-miżura ġiet estiża permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/796/UE[3] sal-31 ta' Diċembru 2017. Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2408[4], il-Latvja kienet awtorizzata testendi l-miżura sal-31 ta' Diċembru 2020 u fl-istess ħin, tnaqqas il-livell limitu tal-eżenzjoni minn EUR 50 000 għal EUR 40 000.

Skont l-awtoritajiet Latvjani, il-miżura tiffaċilita l-ġbir tal-VAT, li tippermetti lil-Latvja biex tissimplifika l-proċeduri amministrattivi għall-impriżi ż-żgħar u b'hekk tnaqqas il-piż

---

1 ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

2 Id-Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill 2010/584/UE tas-27 ta' Settembru 2010 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Latvja biex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 256, 30.9.2010, p. 29).

3 Id-Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/796/UE tas-7 ta' Novembru 2014 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Latvja sabiex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 330, 15.11.2014, p. 46-47).

4 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2408 tat-18 ta' Diċembru 2017 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Latvja biex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 342, 21.12.2017, p. 8-9).

amministrattiv fuqhom. Barra minn hekk, il-miżura tnaqqas ukoll l-ammont ta' xogħol għall-awtoritajiet tat-taxxa.

L-awtoritajiet Latvjani jispjegaw ukoll li fl-aħħar snin osservaw tnaqqis fl-għadd ta' kontribwenti tal-VAT irreġistrati, parzjalment minħabba t-tneħħija aktar malajr tal-kontribwenti tal-VAT mir-reġistru tal-VAT bħala riżultat tal-miżuri adottati għall-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT, filwaqt li d-dħul mill-VAT kompla jiżdied u l-kost imġarrab mill-amministrazzjoni tat-taxxa Latvjana biex tiġbor Euro wieħed naqas. Dawk ir-riżultati, flimkien mal-fatt li l-pajjiżi ġirien tal-Latvja għandhom livelli limiti simili għall-applikazzjoni tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar (il-livell limitu fl-Estonja huwa stabbilit għal EUR 40 000 filwaqt li l-livell limitu fil-Litwanja hu EUR 45 000), huma tal-parir li jinżamm il-livell limitu fil-livell attwali. Skont l-istimi tal-awtoritajiet Latvjani, iktar tnaqqis tal-livell limitu mhux se jkollu impatt fiskali pożittiv kbir jew iżid l-għadd ta' persuni rreġistrati għall-finijiet tal-VAT, peress li kif turi d-*data* reali għall-2018, l-impatt fit-termini fiskali u fit-termini tal-għadd ta' impriżi kien inqas milli previst. Għall-kuntrarju, jekk jiżdied għal pereżempju EUR 50 000, ikollu impatt fiskali negattiv.

Il-miżura għandha karattru fakultattiv. Għalhekk, in-negozji ż-żgħar li l-fatturat tagħhom ma jaqbiżx il-livell limitu xorta se jkollhom il-possibbiltà li jeżerċitaw id-dritt tagħhom li japplikaw l-arranġamenti normali tal-VAT.

Normalment, id-derogi jingħataw għal perjodu ta' żmien limitat biex ikun jista' jiġi vvalutat jekk il-miżura ta' deroga tibqax adegwata u effettiva. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 281 sa 294 tad-Direttiva tal-VAT dwar l-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar għadhom kemm ġew rieżaminati. Id-direttiva l-ġdida li tistabbilixxi regoli tal-VAT aktar sempliċi għall-impriżi ż-żgħar[5] tirrikjedi li l-Istati Membri jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità mar-regoli l-ġodda, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2024. L-Istati Membri se jkollhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet nazzjonali mill-1 ta' Jannar 2025.

Għalhekk, jixraq li l-Latvja tiġi awtorizzata tapplika l-miżura ta' deroga sal-31 ta' Diċembru 2024.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-miżura ta' deroga hija konformi mal-filosofija tad-direttiva l-ġdida li temenda l-Artikoli 281 sa 294 tad-Direttiva tal-VAT dwar skema speċjali għall-impriżi ż-żgħar, li rriżultat mill-pjan ta' azzjoni tal-VAT[6], u għandha l-għan li toħloq skema moderna u simplifikata għal dawk in-negozji. B'mod partikolari, għandha l-għan li tnaqqas il-kostijiet tal-konformità mal-VAT u d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fil-livell domestiku u fil-livell tal-UE, tnaqqas l-impatt negattiv tal-effett tal-livell limitu u tiffaċilita kemm il-konformità tan-negozju kif ukoll il-monitoraġġ mill-amministrazzjonijiet tat-taxxa.

[5] Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/285 tat-18 ta' Frar 2020 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar u r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambju ta' informazzjoni għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-applikazzjoni korretta tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar (ĠU L 62, 2.3.2020, p. 13).

[6] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar pjan ta' azzjoni dwar il-VAT – Lejn żona unika tal-VAT fl-UE – Iż-żmien biex niddeċiedu COM(2016)148 final.

Barra minn hekk, il-livell limitu ta' EUR 40 000 huwa konsistenti mad-Direttiva l-ġdida, sa fejn jippermetti lill-Istati Membri jistabbilixxu l-livell limitu tal-fatturat annwali meħtieġ għal eżenzjoni mill-VAT f'livell mhux ogħla minn EUR 85 000 (jew l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali).

Stati Membri oħra ngħataw derogi simili li jeżentaw mill-VAT lill-persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom huwa inqas minn ċertu livell limitu, kif previst fl-Artikoli 285 u 287 tad-Direttiva tal-VAT. Malta[7] ngħatat livell limitu ta' EUR 20 000; in-Netherlands[8] ingħataw livell limitu ta' EUR 25 000; l-Italja[9] ngħatat livell limitu ta' EUR 30 000; il-Lussemburgu[10] ngħata livell limitu ta' EUR 35 000; il-Polonja[11] u l-Estonja[12] ngħataw livell limitu ta' EUR 40 000; il-Kroazja[13] u l-Litwanja[14] ngħataw livell limitu ta' EUR 45 000; l-Ungerija[15] ngħatat livell limitu ta' EUR 48 000; is-Slovenja[16] ngħatat livell limitu ta' EUR 50 000; u r-Rumanija[17] ngħatat livell limitu ta' EUR 88 500.

Kif issemma diġà, id-derogi mid-Direttiva tal-VAT jenħtieġ li jkunu dejjem limitati fiż-żmien biex l-effetti tagħhom ikunu jistgħu jiġu vvalutati. L-inklużjoni ta' data ta' skadenza tal-miżura speċjali sal-31 ta' Diċembru 2024, kif mitlub mil-Latvja, hija allinjata mar-rekwiżiti tad-Direttiva l-ġdida dwar regoli tal-VAT aktar sempliċi għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju.

---

7 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/279 tal-20 ta' Frar 2018 li tawtorizza lil Malta biex tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 54, 24.2.2018, p. 14).

8 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1904 tal-4 ta' Diċembru 2018 li tawtorizza lin-Netherlands jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 310, 6.12.2018, p. 25).

9 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1988 tat-8 ta' Novembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/678/UE li tawtorizza lir-Repubblika Taljana sabiex tkompli tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 306, 15.11.2016, p.11-12).

10 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2210 tad-19 ta' Diċembru 2019 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/677/UE li tawtorizza lil-Lussemburgu jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 332, 23.12.2019, p. 155).

11 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1919 tal-4 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2009/790/KE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja biex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 311, 7.12.2018, p. 32).

12 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/563 tal-21 ta' Marzu 2017 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Estonja biex tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 80, 25.3.2017, p. 33).

13 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1768 tal-25 ta' Settembru 2017 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Kroazja tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 250, 28.9.2017, p. 71).

14 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1853 tal-10 ta' Ottubru 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2011/335/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Litwanja sabiex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 265, 14.10.2017, p. 15).

15 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1490 tat-2 ta' Ottubru 2018 li tawtorizza lill-Ungerija biex tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 252, 8.10.2018, p. 38).

16 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1700 tas-6 ta' Novembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/54/UE li tawtorizza lir-Repubblika tas-Slovenja biex tintroduċi miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 285, 13.11.2018, p. 78).

17 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1855 tal-10 ta' Ottubru 2017 li tawtorizza lir-Rumanija tapplika miżura speċjali ta' deroga għall-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 265, 14.10.2017, p. 19).

Dik id-direttiva tipprevedi l-1 ta' Jannar 2025 bħala d-data li fiha l-Istati Membri se jkollhom japplikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali, li huma obbligati jadottaw sabiex jikkonformaw magħha.

Għalhekk, il-miżura proposta hija konsistenti mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-VAT.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Fil-programmi ta' ħidma annwali tagħha, il-Kummissjoni ilha tenfasizza b'mod konsistenti l-ħtieġa li jkun hemm regoli aktar sempliċi għall-impriżi ż-żgħar. F'dan ir-rigward, il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2020[18] jirreferi għal "Strateġija ddedikata għall-SMEs li se tagħmilha aktar faċli biex in-negozji ż-żgħar u l-medji joperaw, jikbru u jespandu". Il-miżura ta' deroga tikkonforma ma' tali objettivi, f'dak li għandu x'jaqsam mar-regoli fiskali. Hija notevolment konsistenti mal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2017[19], li rrefera speċifikament għall-VAT, u indika li l-piż amministrattiv tal-konformità tal-VAT għan-negozji ż-żgħar huwa għoli u li l-innovazzjonijiet tekniċi joħolqu sfidi ġodda għall-ġbir effettiv tat-taxxa, u enfasizza l-ħtieġa li l-VAT tiġi ssimplifikata għall-kumpaniji ż-żgħar.

Bl-istess mod, il-miżura hija konsistenti mal-istrateġija tas-suq uniku tal-2015[20], li permezz tagħha l-Kummissjoni ħadmet biex tgħin lin-negozji ż-żgħar u ta' daqs medju jikbru, fost l-oħrajn billi jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi li ma jħalluhomx jisfruttaw għalkollox is-suq uniku. Issegwi wkoll il-filosofija tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2013 dwar il-"Pjan ta' Azzjoni dwar l-Intraprenditorija 2020: Tkebbis mill-ġdid tal-ispirtu tal-intraprendenza fl-Ewropa"[21], li tenfasizza l-ħtieġa li tiġi ssimplifikata l-leġiżlazzjoni tat-taxxa għan-negozji ż-żgħar.

Fl-aħħar nett, il-miżura tikkonforma mal-politiki tal-UE dwar l-impriżi żgħar u medji kif stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-2016 favur in-Negozji l-ġodda[22] u fil-Komunikazzjoni tal-2008 "'Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir' - 'Att dwar in-Negozji ż-Żgħar' għall-Ewropa"[23], li stiednu lill-Istati Membri biex iqisu l-karatteristiċi speċjali tal-SMEs meta jfasslu l-leġiżlazzjoni u jissimplifikaw l-ambjent regolatorju eżistenti.

---

18 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2020 - Unjoni li tirsisti għal iktar (COM(2020) 37 final).

19 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2017 (COM(2016) 710 final).

20 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Naġġornaw is-Suq Uniku: opportunitajiet aktar għaċ-ċittadini u għan-negozji (COM(2015) 550 final).

21 Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Pjan ta' Azzjoni dwar l-Intraprenditorija 2020: Tkebbis mill-ġdid tal-ispirtu tal-intraprendenza fl-Ewropa (COM(2012) 795 final).

22 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Il-mexxejja li Jmiss tal-Ewropa: L-Inizjattiva favur in-Negozji l-ġodda u n-Negozji li qed jespandu (COM(2016) 733 final).

23 Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" "Att dwar in-Negozji ż-Żgħar" għall-Ewropa (KUMM(2008) 394 finali).

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Meta titqies id-dispożizzjoni tad-Direttiva tal-VAT li fuqha hija bbażata l-proposta, il-proposta hija fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni mogħtija lil Stat Membru fuq talba tiegħu stess u ma tikkostitwixxi l-ebda obbligu.

Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni limitat tad-deroga, il-miżura speċjali hi proporzjonata mal-għan li għandu jintlaħaq, jiġifieri s-simplifikazzjoni tal-ġbir tat-taxxi għall-persuni taxxabbli żgħar u għall-amministrazzjoni tat-taxxa.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost huwa Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, huwa possibbli li tingħata deroga mir-regoli komuni tal-VAT biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni. Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill hija l-aktar strument xieraq minħabba li tista' tiġi indirizzata lil Stat Membru individwali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Ma saret l-ebda konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati. Il-proposta attwali hija bbażata fuq talba li saret mil-Latvja u tikkonċerna biss lil dan l-Istat Membru partikolari.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Ma kienx hemm bżonn ta' għarfien espert estern.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tawtorizza lil-Latvja biex tkompli teżenta mill-VAT lill-persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma jaqbiżx l-EUR 40 000. Il-persuni li d-dħul taxxabbli tagħhom ma jaqbiżx il-livell limitu mhux se jkollhom jirreġistraw għall-finijiet tal-VAT, u għaldaqstant il-piż amministrattiv fuqhom se jitnaqqas b'riżultat tal-miżura, billi mhux se jkollhom għalfejn iżommu rekords tal-VAT jew jippreżentaw dikjarazzjoni tal-VAT. Sussegwentement, il-miżura se jkollha impatt pożittiv potenzjali fuq l-amministrazzjoni tat-taxxa peress li se tnaqqas il-piż amministrattiv tagħha.

Skont l-awtoritajiet Latvjani, it-tnaqqis tal-livell limitu tar-reġistrazzjoni tal-VAT minn EUR 50 000 għal EUR 40 000 ġie previst li jiġġenera EUR 5,9 miljun aktar tad-dħul mill-VAT għall-baġit tal-Istat u joħloq 3 426 persuna ġdida addizzjonali li jirreġistraw għall-finijiet tal-

VAT kull sena. Sabiex jiġi ddeterminat l-impatt fiskali attwali, tqiesu l-persuni rreġistrati għall-finijiet tal-VAT li l-valur totali tat-tranżazzjonijiet tagħhom għad-dikjarazzjoni tal-VAT għall-2018 kien bejn EUR 40 000 u EUR 50 000 u li ma kinux irreġistrati għall-finijiet tal-VAT fl-2017. L-impatt fiskali huwa preżunt li hu l-ammont totali tal-VAT ddikjarat mill-persuni rreġistrati għall-finijiet tal-VAT, li fl-2018 kien EUR 2,8 miljun. L-għadd ta' dan it-tip ta' kontribwent tal-VAT irreġistrat huwa 2 636, li jista' jitqies li huwa ż-żieda fl-għadd ta' kontribwenti tal-VAT li nħolqot b'din il-miżura. Id-*Data* mid-dikjarazzjonijiet tal-VAT għall-2019 turi li l-persuni rreġistrati għall-finijiet tal-VAT b'valur totali ta' tranżazzjonijiet iddikjarati fid-dikjarazzjonijiet tal-VAT bejn EUR 40 000 u EUR 50 000, iġġeneraw EUR 10,7 miljun ta' dħul għall-baġit tal-Istat, meta mqabbla mal-EUR 5,8 miljun iġġenerati fl-2018. Għalhekk, l-awtoritajiet Latvjani jikkonkludu li l-impatt fiskali fuq il-baġit tal-Istat minn din il-miżura huwa pożittiv, għalkemm kemxejn inqas minn dak li kien previst qabel.

Fl-opinjoni tal-awtoritajiet Latvjani, li jitnaqqas iżjed il-livell limitu mhux se jkollu impatt fiskali pożittiv kbir u lanqas ma jżid l-għadd ta' persuni rreġistrati għall-finijiet tal-VAT, peress li kif turi d-*data* reali għall-2018, l-impatt fit-termini fiskali u fit-termini tal-għadd ta' impriżi kien inqas milli previst. Għall-kuntrarju, jekk jiżdied għal pereżempju EUR 50 000, ikollu impatt fiskali negattiv.

Il-miżura ta' deroga se tkun fakultattiva għall-persuni taxxabbli. Il-persuni taxxabbli se jkunu jistgħu jagħżlu l-arranġamenti regolari tal-VAT f'konformità mal-Artikolu 290 tad-Direttiva 2006/112/KE.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandhiex konsegwenzi għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta mhux se jkollha impatt negattiv fuq il-baġit tal-UE peress li l-Latvja se twettaq kalkolu tal-kumpens f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE EURATOM) 1553/89.

2020/0138 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2408 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Latvja tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud[1], u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Skont il-punt (10) tal-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Latvja tista' teżenta mit-taxxa fuq il-valur miżjud ("VAT") lill-persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma jaqbiżx l-ekwivalenti ta' EUR 17 200 fil-munita nazzjonali bir-rata tal-konverżjoni fil-jum tal-adeżjoni tagħha.

(2) Bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2010/584/UE[2], il-Latvja kienet awtorizzata tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE ("il-miżura ta' deroga") biex teżenta mill-VAT lill-persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma kienx aktar minn EUR 50 000 sal-31 ta' Diċembru 2013. Il-miżura ta' deroga ġiet estiża permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/796/UE[3] sal-31 ta' Diċembru 2017.

(3) Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2408[4], il-Latvja kienet awtorizzata testendi ulterjorment il-miżura sal-31 ta' Diċembru 2020, kif ukoll tnaqqas il-livell limitu tal-eżenzjoni minn EUR 50 000 għal EUR 40 000.

(4) Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fis-17 ta' April 2020, il-Latvja talbet awtorizzazzjoni biex tkompli tapplika l-miżura ta' deroga sal-31 ta' Diċembru 2024, li hija d-data sa meta l-Istati Membri jeħtieġ jittrasponu d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/285[5], li tistabbilixxi regoli tal-VAT aktar sempliċi għall-impriżi ż-żgħar. Dik id-

---

1 ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

2 Id-Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill 2010/584/UE tas-27 ta' Settembru 2010 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Latvja biex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 256, 30.9.2010, p. 29).

3 Id-Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/796/UE tas-7 ta' Novembru 2014 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Latvja sabiex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 330, 15.11.2014, p. 46).

4 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2408 tat-18 ta' Diċembru 2017 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Latvja biex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 342, 21.12.2017, p. 8).

5 Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/285 tat-18 ta' Frar 2020 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar u r-

Direttiva tistabbilixxi wkoll il-livell limitu massimu li jippermetti lill-Istati Membri jeżentaw lill-persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom fi Stat Membru ma jaqbiżx il-EUR 85 000 jew l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali.

(5) Permezz ta' ittra datata d-19 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, bit-talba li għamlet il-Latvja. Permezz ta' ittra datata l-20 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni nnotifikat lil-Latvja li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis it-talba.

(6) Il-miżura ta' deroga hija konformi mad-Direttiva (UE) 2020/285 li għandha l-għan li tnaqqas il-kostijiet tal-konformità tal-VAT tal-impriżi ż-żgħar u tnaqqas ukoll id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-Unjoni, u li tnaqqas l-impatt negattiv tat-tranżizzjoni mill-eżenzjoni għat-tassazzjoni (l-hekk imsejjaħ effett tal-livell limitu). Tfittex ukoll li tiffaċilita l-konformità tan-negozju tal-impriżi ż-żgħar u l-monitoraġġ għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa. Il-livell limitu ta' EUR 40 000 huwa konsistenti mal-Artikolu 284 tad-Direttiva 2006/112/KE, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2020/285.

(7) Il-miżura ta' deroga se tibqa' fakultattiva għall-persuni taxxabbli. Il-persuni taxxabbli xorta jkunu jistgħu jagħżlu l-arranġamenti normali tal-VAT f'konformità mal-Artikolu 290 tad-Direttiva 2006/112/KE.

(8) Skont l-informazzjoni pprovduta mil-Latvja, il-miżura ta' deroga se jkollha biss effett negliġibbli fuq l-ammont globali tad-dħul mill-VAT tal-Latvja li jinġabar fl-istadju tal-konsum finali.

(9) Il-miżura ta' deroga mhix se taffettwa b'mod negattiv lir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jirriżultaw mill-VAT minħabba li l-Latvja se twettaq kalkolu tal-kumpens f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, EURATOM) Nru 1553/89[6].

(10) Minħabba l-impatt potenzjalment pożittiv tal-miżura ta' deroga bit-tnaqqis tal-piż amministrattiv u tal-kostijiet tal-konformità għall-impriżi ż-żgħar u għall-awtoritajiet tat-taxxa, u minħabba n-nuqqas ta' ebda impatt kbir fuq id-dħul totali mill-VAT iġġenerat, jenħtieġ li l-Latvja tiġi awtorizzata tkompli tapplika l-miżura ta' deroga.

(11) Jenħtieġ li l-awtorizzazzjoni biex tiġi applikata l-miżura ta' deroga, tkun limitata fiż-żmien. Jenħtieġ li l-limitu ta' żmien ikun biżżejjed biex tkun tista' ssir evalwazzjoni tal-effettività u tal-adegwatezza tal-livell limitu. Barra minn hekk, f'konformità mad-Direttiva (UE) 2020/285, sal-31 ta' Diċembru 2024, l-Istati Membri jeħtieġ jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw mal-Artikolu 1 ta' dik id-Direttiva, u japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 2025. Għalhekk, jixraq li l-Latvja tiġi awtorizzata tapplika l-miżura ta' deroga sal-31 ta' Diċembru 2024.

(12) Għalhekk, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2408 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

---

Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambju ta' informazzjoni għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-applikazzjoni korretta tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar (ĠU L 62, 2.3.2020, p. 13).

[6] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud (ĠU L 155, 7.6.1989, p. 9).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2408, it-tieni paragrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2024.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Latvja.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President